# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IL-ĦAMES SENA        STUDJI SOĊJALI - OPTION        ĦIN: Siegħa u 45min**

**Isem:** ________________________________________ **Klassi:** ______________

**TAQSIMA A**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 30 kelma.**

Is-soċjetajiet tal-lum iħossu d-dmir li jagħtu kas il-problemi ta' min hu anqas ixxurtjat. Teżisti s-solidarjetà soċjali. Għajnuna soċjali tfisser li bniedem ikun jista' jifforma parti mis-soċjetà li jinsab fiha u jgħix tajjeb fejn jidħlu bżonnijiet bażiċi tal-ħajja. Dan ifisser li l-persuna jkollha l-mezzi finanzjarji kollha biex tgħix u tgħix tajjeb fis-soċjetà u fil-ħajja.

Mhux kull membru tas-soċjetà jkollu dejjem l-opportunità li jikseb dawn il-ħtiġijiet bil-mezzi tiegħu biss. Għalhekk is-soċjetà tipprovdi servizzi ta' għajnuna, li jistgħu jiġu pprovduti kemm mill-gvern u kemm mill-privat bi sħubija ma' l-istat biex kull membru tas-soċjetà jkun jista' jgawdi minn ħajja li tixraq lill-bniedem.

1. X'tifhem b'solidarjetà soċjali?
2. X'tifhem bil-frażi 'bżonnijiet bażiċi'? Spjega billi tagħti eżempji.
3. L-Istat jipprovdi servizzi liċ-ċittadini tiegħu. X'tip ta' servizzi joffri? Agħti eżempji u spjega min hu ntitolat għal dawn is-servizzi.
4. X'differenza tgħaddi bejn servizzi li jaqgħu taħt **kontributorji** u dawk **non-kontributorji**? Agħti eżempji.
5. Min jista' jipprovdi s-servizzi? Semmi żewġ aġenziji jew għaqdiet li jipprovdu dawn is-servizzi u semmi x'tip ta' servizzi joffru.

(5 x 5 marki)

**Total 25 marka**

**TAQSIMA B**

**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 30 kelma kull waħda.**

Inħarsu lejn **imġiba devjanti** l-aktar fejn din tkun tidher li qiegħda tagħmel l-aktar ħsara. L-imġiba ta' persuni li jiksru r-regoli tas-soċjetà tkun imġiba devjanti meta tqisha mal-**kultura** normalment aċċettata mis-soċjetà ġenerali: ikunu qed imorru kontra l-**valuri** tas-soċjetà.

Waqt li s-soċjetà tidher li għandha kultura waħda, nafu li s-soċjetà tħaddan taħlita kbira ta' kulturi differenti. Dawn huma s-**sotto kulturi**. Għalhekk irridu nifhmu li dak li jidher li hu kontra l-kurrent hu fil-fatt favur il-kurrent tas-'sotto kultura' li tagħha l-persuni jħossu li huma veru membri.

Meta nitkellmu dwar regoli fis-soċjetà ma nkunux qed nitkellmu biss dwar liġijiet miktuba. Jeżistu wkoll il-liġijiet mhux miktuba. Dawn normalment ikunu parti minn kodiċi ta' mġiba li l-membri ta' dik is-soċjetà jkunu ħolqu b'mod informali matul l-istorja ta' dik is-soċjetà. Nafu wkoll li s-soċjetà toħloq diffikultajiet lil min ikun għamel imġiba devjanti meta tkun il-kaġun ta' **lejbiljar**. B'hekk isibha diffiċli biex jintegra fis-soċjetà.

1. Agħti tifsira ta' dawn il-kliem.
   a. Imġiba devjanti
   b. Valuri
   ċ. Kultura
   d. Sotto kultura
   e. Lejbiljar

2. Agħti ħames eżempji ta' mġiba devjanti skond il-kultura li persuna tgħix fiha.

3. X'inhuma r-raġunijiet li jwasslu lill-individwu jaġixxi b'mod devjanti fis-soċjetà. Spjega billi tagħti eżempji.

4. Taħseb li s-sanzjonijiet negattivi huma l-uniku mod ta' kif is-soċjetà għandha taġixxi ma' min ikun devjanti fis-soċjetà? X'jista' jsir mis-soċjetà biex tgħin lil dawk li jkunu devjanti biex jerġgħu lura fis-soċjetà?

5. Iddiskuti l-effetti tas-'sotto kulturi' fuq is-soċjetà.

(5 x 5 marki)

**Total 25 marka**

**TAQSIMA Ċ**

**Ħares lejn din it-tabella u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

| Lokalità | Wesgħa ta' Art (metru kwadru) | Popolazzjoni Novembru 1995 | Popolazzjoni Diċembru 2004 |
|---|---|---|---|
| Santa Lucia | 0.721 | 3,605 | 3,722 |
| Sliema | 1.296 | 12,906 | 12,164 |
| Ta' Xbiex | 0.287 | 1,732 | 1,733 |
| Valletta | 0.841 | 7,262 | 6,925 |
| Mqabba | 2.639 | 2,613 | 2,854 |
| Qrendi | 4.573 | 2,344 | 2,470 |
| Safi | 1.946 | 1,731 | 1,853 |
| Żejtun | 5.367 | 11,379 | 11,565 |
| Żurrieq | 8.792 | 8,684 | 9,130 |

1. Fl-2004 sar ċensiment tal-popolazzjoni Maltija. X'inhu ċensiment u kull kemm żmien isir ċensiment? (2 marki)

2. Ħares lejn t-tielet u r-raba' kolonna. Ikkumenta u agħti raġunijiet għall-bidla fil-popolazzjoni f'dawn il-lokalitajiet. (4 marki)

3. F'liema postijiet insibu li l-popolazzjoni hija aktar minn 7,000? Ikkummenta. (4 marki)

4. Spjega l-frażi 'd-densità tal-popolazzjoni'. (2 marki)

5. X'nifhmu meta ngħidu ċentri urbani u dawk rurali. Agħti eżempji mil-lista pprovduta. Fejn taħseb li jippreferu joqogħdu n-nies? Agħti r-raġunijiet. (4 marki)

6. X'tifhem bil-frażi 'żvilupp sostenibbli'? Taħseb li skond il-figuri qed isir żvilupp sostenibbli? Agħti r-raġunijiet tiegħek u ddiskuti x'effetti qed iħalli fuq l-ambjent. (4 marki)

**Total 20 marka**

## TAQSIMA D

**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb fit-tul.**

1. Il-Globalizzazzjoni ħalliet u qed tħalli effetti qawwija fuq l-ekonomija tad-dinja. Iddiskuti.
2. L-istigmatizzazzjoni għadha tidher fis-soċjetà moderna. Agħti eżempji ta' kif persuni jistgħu jkunu stigmatizzati mis-soċjetà u spjega kif dawn jistgħu jiġu integrati.
3. Xi tfisser mobilità residenzjali? Iddiskuti l-fatturi li kkaġunaw il-mobilità residenzjali f'Malta f'dawn l-aħħar tletin sena.
4. Iddiskuti r-relazzjoni bejn is-settur terzjarju ta' l-ekonomija u r-riżorsi umani.

**Total 30 marka**